MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 102/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alistaire Camilleri,**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alistaire (Allister) Camilleri bin John u Concetta nee` Grima, imwieled Pieta` u joqghod 10 Sqaq Nru.1, Trid id-Duluri, Hamrun(I.D. Nru. 150180M) talli:

(1) fit-18 ta’ April 2006 ghall-habta tat-3.15 p.m. fi Triq is-Sellur, Marsascala (flimkien ma’ Noel Saliba) ikkommetta serq ta’ basket b’ghadd ta’affarijiet minn fuq il-persuna ta’ Josephine Farrugia, liema serq huwa aggravat

bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, ghad-dannu ta' l-istess Josephine Farrugia;

u talli fil-15 ta' Mejju 2006, u/jew fix-xhur ta' qabel, f'diversi nhawi ta' Malta, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(2) fil-31 ta' Marzu 2006, ghall-habta ta' nofsinhar, fi Triq Selmun, Selmun, limiti tal-Mellieha, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' basket b'ghadd t'affarijiet minn fuq il-persuna ta' Lydia Scerri;

(3) fil-31 ta' Marzu 2006, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, fi Triq San Frangisk, Hal Balzan, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' basket b'ghadd ta' affarijiet minn fuq il-persuna ta' Carmela Agius;

(4) fis-27 ta' April 2006, ghall-habta tal-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq l-Isturjun, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa:

(a) ikkommetta serq ta' basket b'ghadd ta' affarijiet minn fuq il-persuna ta' Gerarda Decroos ta' 76 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza;

(b) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, u cioe` kkaguna lil Gerarda Decroos ta' 76 sena, griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika il-Konsulent Frederick Zammit Maempel MD, u dan fil-waqt tal-konsumazzjoni tar-reat ta' serq imsemmi;

(5) fil-15 ta' Mejju 2006, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, fi Triq il-Mithna, kantuniera ma Triq San Licinju, Hal Lija, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' basket b'ghadd ta' affarijiet minn fuq il-persuna ta' Guzeppa Borg Spiteri;

(6) fl-imsemmija dati, hinijiet u postijiet f'Malta, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(7) fl-istess dati, hinijiet u postijiet irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 214, 215, 216, 261(a)(c), 262, 267, 274, 276, 276A, 279, 284, 285, 289, 334 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Alistaire Camilleri hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu salv dik ta' *snatch and grab* fuq Lydia Scerri fil-Mellieha, liema reat huwa aggravat bil-persuna (it-tieni imputazzjoni), u ta' l-imputazzjoni ta' recidiva, u kkundannatu sentejn prigunerija. Inoltre kkundannatu ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti P.S. 1374 Edgar Dalli, P.S. 1253 Frederick Brincat, Doctor Mario Scerri u Doctor Joseph Cassar fl-ammont ta' €404 fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Alistaire Camilleri pprezentat fit-23 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux hati tal-imputazzjonijiet 1, 3, 4, 5, 6, u 7 u tilliberah mit-tieni u t-tmien imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti. Jghid illi mis-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Qorti sabet il-htija minhabba l-fatt li Lydia Scerri qalet li l-aggressur telaq jigri

f’karozza safra. Fil-fatt l-appellant isuq karozza safra ta’ l-gharusa tieghu Odette Sciberras. Xhud iehor, George Zakkaria Mercieca, gharaf il-vettura li ra d-Depot tal-Pulizija bhala l-istess wahda li ra l-Mellieha dakinhar ta’ l-incident u fiha kien hemm zewg persuni. Dawn il-fatti ma jwasslux ghall-prova minghajr dubju ragjonevoli li l-appellant kien l-aggressur. Ix-xhud Mercieca ma kienx xhud okulari ta’ l-incident, izda biss li kien hemm karozza safra li kellha xugaman fuq id-dashboard. B’hekk ma nafux jekk il-karozza li ra Mercieca kinitx l-istess karozza li l-*parte civile* rat lill-aggressur jahrab biha. L-appellant isostni illi oggettivament il-grad ta’ prova huwa inezistenti u ghandu jigi lliberat.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament mill-gdid tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien hati tat-tieni imputazzjoni, cioe` dik ta’ serq aggravat minn fuq il-persuna ta’ Lydia Scerri fil-31 ta’ Marzu 2006.

Mix-xiehda ta’ Lydia Scerri u dik ta’ ohtha Irene Scerri jirrizulta illi fl-imsemmija data tal-31 ta’ Marzu 2006 kienu mixjin fi Triq Selmun meta xi hadd minn warajhom gibed il-*handbag* li Lydia Scerri kellha mdendel ma’ spallitha. Lydia Scerri qalet li daret u griet ftit wara dik il-persuna twerzaq. Il-halliel baqa’ jigri sakemm wasal fejn karozza li kien hemm tistenna u telqu biha. “Il-karozza kienet wahda safra pero` t-tip taghha ma nafx.” Hi ma lehqitx hadet in-numru. Il-halliel kien *“well-built”*. Irene Scerri qalet illi wara li xi hadd hataf il-*handbag* ta’ ohtha, telqu jigru wara r-ragel li kien ghamel hekk. Qalet li kien ragel ta’ statura kbira. “Kien hemm karozza safra tistenna.”

Mela mix-xiehda ta’ l-ahwa Scerri jirrizulta li l-halliel kien mibni sew u telaq b’karozza safra li fiha kien hemm persuna ohra tistennieh. Hadd minn dawn iz-zewg xhieda ma seta’ jaghraf lil xi hadd mill-imputati bhala l-halliel peress illi, kif xehdu z-zewg xhieda, kienu rawh minn wara. Bhalma osservat l-ewwel Qorti, l-appellant mhuwiex “ta’ statura kbira”.

L-Ispettur Joseph Mercieca xehed fit-13 ta’ Novembru 2006 illi dakinhar [ta’ l-incident] kienu kelmu lil certu George Zakkarija Mercieca illi nzerta fuq il-post u “dan kien qalilna li dak il-hin ta’ l-incident kien ra karozza ta’ kulur isfar, in-numru ma kienx jafu pero` kien innota li fuq id-dashboard ta’ quddiem kellu xugaman abjad u iswed. Wara konna gibnieh il-kwartieri generali fejn dan kien gharaf il-karozza u kif ukoll ix-xugaman li kien l-istess wiehed li kien ra meta kien il-Mellieha gewwa Selmun.” F’dan l-istadju tax-xiehda tieghu l-Ispettur Mercieca ma jsemmix liem’hi l-karozza li Mercieca gharaf. Ciononostante m’hemm l-ebda dubju li kien qieghed jirreferi ghall-karozza CBB-694 peress illi meta xehed precedentement fit-23 ta’ Ottubru 2006 kien esebixxa xugaman ta’ kulur iswed u abjad li kien gie elevat mill-karozza CBB-694 fit-2 ta’ April 2006. Barra minn hekk meta kompla jixhed fit-13 ta’ Novembru 2006, l-Ispettur Mercieca spjega c-cirkostanzi li wasslu biex il-karozza msemmija tingab il-kwartieri generali tal-Pulizija.

Il-karozza CBB-694 hi tal-ghamla Peugeot 205 ta’ kulur isfar registrata f’isem Odette Sciberras.[1] Odette Sciberras hi l-*partner* ta’ l-appellant u jaghmlu uzu mill-karozza kemm hi kif ukoll l-appellant.[2]

George Zakkarija Mercieca xehed ukoll quddiem l-ewwel Qorti. Huwa opportun illi tigi hawn riprodotta x-xiehda tieghu fl-intier. Dan ix-xhud qal hekk:

“Niftakar li xi zmien ilu, pero` din is-sena, jiena kont il-Mellieha u kont rajt incident. Niftakar li jiena kont qed nippassigga. Kumbinazzjoni kien hemm karozza pparkjata ma’ genbi. Harist lejn din il-karozza li go fiha kien hemm zewgt irgiel u fuq id-dashboard ta’ din il-vettura kien hemm xugaman jew abjad u iswed jew isfar u iswed. Mistoqsi x’kien il-kulur tal-karozza nghid li ma niftakarx lanqas. Lanqas il-karozza li rajt sussegwentement id-depot ma niftakar. Il-karozza in kwistjoni kont rajtha d-depot tmint ijiem wara. Qed nigi muri ritratt ta’ xugaman

[1] Ara xiehda ta’ Christopher Darmanin a fol. 15.
[2] Ara xiehda ta’ Odtte Sciberras a fol. 102.

gewwa karozza li huwa parti minn Dok. JM2. Jiena nahseb li dak huwa x-xugaman illi jiena rajt f'dik il-karozza li jiena semmejt fix-xiehda tieghi. Nghid ukoll li issa qed tigini memorja li l-vettura in kwistjoni kienet safra."

Minn din ix-xiehda jista' jigi konkluz illi l-imsemmi George Zakkarija Mercieca kien ra karozza safra pparkjata u din il-karozza ("il-karozza in kwistjoni") rega' raha xi tmint ijiem wara fil-kwartieri generali tal-Pulizija. In vista ta' dak li xehed l-Ispettur Joseph Mercieca, huwa evidenti li l-karozza li ra George Zakkarija Mercieca fil-kwartieri generali tal-Pulizija kienet proprju l-karozza CBB-694 u li ghalhekk jidher illi kienet din il-karozza li kien ra l-Mellieha. Izda x'legam hemm bejn il-karozza li ra George Zakkarija Mercieca u s-serq minn fuq il-persuna ta' Lydia Scerri? L-ewwelnett Mercieca xehed li kien il-Mellieha u mhux Selmun. Huwa minnu li Selmun jinsab fil-limiti tal-Mellieha, izda jekk gie prodott biex jixhed dwar l-incident li fih kienet involuta Lydia Scerri, kellu jispecifika ahjar, ossia jigi mistoqsi, f'liema parti tal-Mellieha kien. Huwa l-Ispettur Mercieca biss li jghid li George Zakkarija Mercieca nzerta fuq il-post. Dan George Zakkarija Mercieca jghid li ra "incident" izda <u>ma jispjegax x'incident kien</u>. L-ewwel Qorti qalet li dan George Zakkarija Mercieca qal li ra l-*isnatch and grab*. Izda fil-fatt dan ix-xhud mhux biss ma jghidx hekk, talli lanqas ma jghid li ra "l-incident" izda li ra "incident". Mela ghal liema incident kien qieghed jirrerferi? Jghid li ra karozza safra b'zewgt irgiel go fiha, izda ma jghidx jekk rax xi movimenti minn xi wiehed jew iehor minn dawn iz-zewgt irgiel. Jekk dan ix-xhud verament kien ra l-i*snatch and grab* li dwaru l-appellant huwa akkuzat, kien certament jixhed dwar il-movimenti ta' min kien involut. Izda minn kif xehed quddiem l-ewwel Qorti jaghti l-impressjoni li din il-karozza kienet semplicement wieqfa hdejh biz-zewgt irgiel go fiha. L-istess xhud lanqas ma jghid, u – jigi enfasizzat – lanqas ma gie mistoqsi, jekk rax din il-karozza titlaq minn fuq il-post u, jekk raha titlaq, b'liema mod telqet u f'liema direzzjoni telqet. Il-prosekuzzjoni tidher li kienet qed tibbaza l-kaz taghha in konnessjoni mat-tieni imputazzjoni principalment fuq ix-xiehda ta' George Zakkarija Mercieca biex tqieghed il-karozza in kwistjoni u allura l-appellant fil-

post fejn sehh is-serq minn fuq il-persuna ta’ Lydia Scerri. Kien ghalhekk aktar vitali li meta jigi prodott biex jixhed jigi mistoqsi dak kollu rilevanti sabiex ma jithalla l-ebda dubju dwar x’incident ra, dwar ir-raguni ghaliex il-karozza in kwistjoni laqtitu, u dwar il-movimenti taghha u l-passiggieri taghha. Bil-mod kif xehed, ossia bin-nuqqas li jsirulu l-aktar mistoqsijiet bazici sabiex tigi determinata r-rilevanza tax-xiehda tieghu ghall-kaz, il-prosekuzzjoni donnha ppretendiet illi ghal tali nuqqas kellha taghmel tajjeb ix-xiehda ta’ l-ufficjal prosekutur. Izda l-provi mhux hekk isiru. Ir-regoli tal-*hearsay* ma jistghux jigu traskurati. F’dan il-kaz, l-aktar xhud importanti tal-prosekuzzjoni xehed fil-qosor u b’mod zbrigattiv ghall-ahhar. Mhuwiex possibbli li, mill-ftit li qal, il-Qorti tassumi fatti li dwarhom dak ix-xhud ma qal xejn.

Imbaghad l-ewwel Qorti qalet illi l-prosekuzzjoni kkonfermat li x-xhud taghha George Zakkarija Mercieca gharaf il-vettura ta’ Odette Sciberras li kienet fil-bitha tas-CID bhala l-vettura li telqu jigru biha l-aggressuri. Izda la l-Ispettur Mercieca ma jghid illi George Zakkarija Mercieca qal li ra l-aggressuri jitilqu jigru bil-karozza, u lanqas l-istess George Zakkarija Mercieca ma jghid hekk fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti.

L-uniku fattur komuni bejn ix-xiehda ta’ Lydia Scerri u ohtha u dik ta’ George Zakkarija Mercieca huwa illi l-karozza li huma raw kienet wahda safra, izda filwaqt illi l-ahwa Scerri raw karozza safra titlaq minn fuq il-post, Mercieca ra biss karozza safra wieqfa b’zewgt irgiel fiha u f’ebda hin ma jghid illi raha titlaq minn fuq il-post – jekk kien fuq il-post ta’ dan l-incident partikolari peress illi, kif inghad, mix-xiehda tieghu dan ma jirrizultax – jew li l-okkupanti taghha kellhom b’xi mod x’jaqsmu mar-reat in kwistjoni. Ghalhekk, anke jekk jista’ jigi argumentat illi l-karozza CBB-694 kienet fl-inhawi ta’ fejn sehh ir-reat in ezami, l-istess provi ma jurux illi l-passiggieri taghha kienu involuti fl-imsemmi reat. Hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova

l-legam bejn ir-reat u l-passiggieri tal-karozza msemmija, u dan m'ghamlitux.[3]

Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli u l-apprezzament li taghmel il-Qorti jrid ikun bazat fuq il-provi li attwalment jirrizultaw u mhux fuq suppozizzjoni ta' dak li seta' gara. Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi miqlugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni u tas-seba' imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u ghalhekk tilliberah minnhom u minn kull piena, filwaqt illi tikkonfermaha fil-bqija, cioe` in kwantu ma sabitux hati u lliberatu mill-imputazzjonijet l-ohra kollha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] Skond l-okkorrenza esebita minn P.S. 559 Jason Spiteri, il-karozza uzata mill-hallelin – kif gie nfurmat mill-ahwa Scerri – kienet Hillman Imp u mhux Peugeot 205.